Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10128 — Stirling Square Capital Partners/TA Associates/Glenigan)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 39/09)

1. Fit-28 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Stirling Square Capital Partners Jersey AIFM Limited ("SSCP Funds", Jersey, ir-Renju Unit),

— TA Associates, L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Glenigan Limited ("Glenigan", ir-Renju Unit).

SSCP Funds u TA Associates jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Glenigan kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SSCP Funds: SSCP Funds tinvesti permezz ta' tliet fondi ta' ekwità privata, fost l-oħrajn, fi strumenti mhux ikkwotati fil-borża ta' ekwità u marbuta mal-ekwità permezz ta' akkwiżizzjonijiet mill-maniġment, xiri sfurzat mill-maniġment, kapital ta' tkabbir u tranżazzjonijiet oħra ta' ekwità privata madwar l-Ewropa,

— TA Associates: TA Associates hija ffukata fuq setturi mmirati fit-teknoloġija, il-kura tas-saħħa, is-servizzi finanzjarji, il-konsumaturi u s-servizzi tan-negozju,

— Glenigan: Glenigan tforni *data* tas-suq u software u servizzi ta' intelligence lil kumpaniji fl-industrija tal-kostruzzjoni, inkluż fir-rigward tar-rilokazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-uffiċċji fir-rigward ta' informazzjoni dwar proġetti u *data* ta' kuntatt, primarjament fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10128 — Stirling Square Capital Partners/TA Associates/Glenigan

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË